

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.4864 — DUBAL/Mubadala/EMAL)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għall-proċedura simplifikata
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2007/C 191/13)

1. Fit-8 ta' Awwissu 2007, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta għal konċentrazzjoni skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Dubai Aluminium Company Limited ("DUBAL", ta' Dubai) u Mubadala Development Corporation ("Mubadala", ta' Abu Dhabi) jakkwistaw, fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, kontroll konġunt ta' l-impriża Emirates Aluminium Company Limited ("EMAL", ta' l-Emirati) permezz tax-xiri ta' ishma f'kumpanija ġdida li tikkostitwixxi negozju konġunt.

2. L-attivitajiet kummerċjali ta' l-impriża kkonċernati huma:

- għal DUBAL: il-produzzjoni u l-bejgħ ta' prodotti primarji ta' l-aluminju,
- għal MUBADALA: kumpanija ta' l-investiment ikkontrollata mill-Emirat ta' Abu Dhabi,
- għal EMAL: il-kostruzzjoni, il-pussess u l-operazzjoni ta' impjant ta' raffinar ta' l-aluminju, kif ukoll impjanti assoċjati ta' ġenerazzjoni ta' enerġija f'Abu Dhabi, u l-bejgħ ta' prodotti ta' l-aluminju manifatturati f'dan l-impjant.

3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-konċentrazzjoni notifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hi riżervata. Skond l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾, għandu jiġi nnotat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi interessati sabiex iressqu lha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Dawn il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 jjiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (faks nru. (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.4864 — DUBAL/Mubadala/EMAL, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussel

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

⁽²⁾ ĠUC 56, 5.3.2005, p. 32.